MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2295/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Nazzareno Bartolo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm732.00) rapprezentanti import ta' sitt kambjali, kollha ta' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm122.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2003 sa Novembru, 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Novembru, 2003 jammontaw ghal tmintax-il**

**lira Maltija (Lm18.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta’ April, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm732.00), bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Novembru, 2003 jammonta ghal tmintax-il lira Maltija (Lm18.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------